DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 47/2007

tat-8 ta' Ġunju 2007

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) l-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 41/2007 tas-27 ta' April 2007 ([1]).

(2) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel għat-trabi u t-tfal żgħar (verżjoni kodifikata) ([2]) għandha tkun inkorporata mal-Ftehim.

(3) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/128/KE tat-8 ta' Diċembru 2006 li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 95/31/KE li tistipula kriterji speċifiċi dwar purità li jikkonċernaw is-sustanzi li jagħtu ħlewwa użati fl-affarijiet ta' l-ikel ([3]) għandha tkun inkorporata mal-Ftehim.

(4) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/129/KE tat-8 ta' Diċembru 2006 li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 96/77/KE li tistipula kriterji speċifiċi dwar adittivi ta' l-ikel għajr sustanzi bil-kulur u li jagħtu ħlewwa ([4]) għandha tkun inkorporata mal-Ftehim.

(5) id-Direttiva 2006/125/KE li tħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE ([5]) li hi inkorporata mal-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar skond il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 46a (id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/31/KE):

"— **32006 L 0128**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/128/KE tat-8 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 6)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54zf (id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/77/KE):

"— **32006 L 0129**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/129/KE tat-8 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 15)."

([1]) ĠU L 209, 9.8.2007, p. 74.
([2]) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.
([3]) ĠU L 346, 9.12.2006, p. 6.
([4]) ĠU L 346, 9.12.2006, p. 15.
([5]) ĠU L 49, 28.2.1996, p. 17.

3. Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 54zzz (ir-Regolament tal- Kummissjoni (KE) Nru 1609/2006):

"54zzza. **32006 L 0125**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel għat-trabi u t-tfal żgħar (verżjoni kodifikata) (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16)."

4. It-test tal-punt 54zl (id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE) għandu jitneħħa.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2006/125/KE, 2006/128/KE u 2006/129/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li ser ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Ġunju 2007, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE u s-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.